# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru wieħed (1/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 29 ta' Jannar 2015, fil-5.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi waqt il-laqgħa tal-Kabinett tal-Ministri li attenda nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar, kien ressaq l-ilmenti tal-Kunsill [ref punt 3.1] quddiem il-Ministru u qal illi għandhom iċemplu fil-ġimgħat illi ġejjin biex isir komunikazzjoni rigward il-problema f'triq il-Kuċċard. Żied illi Ħeritage Malta għadhom ma bagħtu l-ebda rapport/pjanta.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kompla x-xogħol fuq il-ħajt illi qed isir fit-triq.

Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa lis-Sindku jekk jaf x'inhI l-opinjoni tal-Perit rigward kif għandu jsir ix-xogħol. Is-Sindku qal illi ma jafx u zied illi mhux se jiċċedi l-pożizzjoni tal-Kunsill.

3.2 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi x-xogħol għadu ma sarx fl-area tal-Ħlantun [ref punt 3.4]. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol se jsir mill-ġardinar dalwaqt. Is-Sindku żied illi ressaq ilment rigward il-proġett tal-Ħlantun [dewmien tax-xogħol] quddiem il-Kabinett tal-Ministri wkoll.

3.3 Il-kunsilliera qablu li l-ikla tal-anzjani kienet waħda ta' suċċess [®ef punt 3.5]. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-ideja tal-buffett intogħġob ħafna.

3.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-P.R.O għandu jkun persuna mill-Kunsill illi jagħmel ix-xogħol volontarjament [ref punt 3.6] wara li s-Sindku qal illi P.R.O jagħmel ftit xogħol u jieħu paga fenomenali.

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Ambaxxatriċi tal-lokalita [ref punt 3.7] se tkun is-sinjorina Silaine Cutajar wara li aċċettat it-talba li ressaq is-Sindku wara li l-persuna nominat fil-laqgħa preċedenti qal illi mhux se jkun jista jieħu l-kariga.

3.6 Il-kunsillier Publius Abdilla reġa fakkar illi l-isleeping policeman [ref ount 3.8] għadhom ma tpoġġewx f'posthom. Is-Sindku spjega kif hemm wiħed mill-ħaddiema tal-IPSL li huwa kapaċi jagħmel dan ix-xogħol u li kien bil-leave għall-bżonnijiet personali. Żied illi se jagħmel dan ix-xogħol meta jerġa jidħol għax-xogħol.

3.7 Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla qalu li s-sitwazzjoni fit-triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat [ref punt 3.9] qed toħloq ħafna perikli [it-triq ilha ħafna żmien mingħajr dawl]. Is-Sindku qal illi hu mar fuq il-post kemm il-darba u flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill ippruvaw jirranġaw il-problemi. Żied illi ilu jieħu azzjoni izda li s'issa sab ħafna ostakli.

3.8 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa fejn marru t-tabelli kollha li xtrajna [ref punt 4.1]. Is-Sindku qal illi dorna r-raħal bihom. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm oħrajn, li ġew diskussi fil-laqgħa preċedenti, illi għandhom bzonn attenzjoni.

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'hemm l-ebda korsijiet b'xejn [ref punt 5.1] offruti minn rappreżentanti t'Għammieri. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi tkellem ma rappreżentant tal-Għaqda li jista joffri dan il-kors b'xejn lill-Membri tal-Għaqda izda barranin għandhom iħallsu. Il-Kunsill se jara

jekk dan il-persuna huwa lest joffri l-kors b'xejn lir-residenti ta' Ħal Safi u juża s-sala tal-Kunsill mingħajr ħlas biex isir dan il-kors.

3.10 Is-Sindku qal illi l-ħarġa għan-nies b'diżabilita mhux se ssir qabel ma jkun hemm temp aħjar.

3.11 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ssoltu l-kunsilliera jkunu provduti bil-lista tal-anzjani li ma joħorġux mid-djar, jew li jgħixu ġo homes barra mir-raħal, li għandhom jirċievu hamper tal-Milied, izda din is-sena ma rċievew xejn. Is-Sindku qal illi hemm 30 ruħ li għandhom jirċievu dawn il-hampers. Il-kunsilliera Publius Abdilla u Pietru Pawl Busuttil fakkru s-Sindku fuq persuni oħra li qegħdin jgħixu ġo homes u li ma kienux fil-lista tas-sena 2013.

3.12 Is-Sindku qal illi fakkar lill-kuntrattur tal-iskart illi għandu jneħħi l-iskip ta' triq il-Feniċi [ref punt 6.5] tlett darbiet. Il-kunsillier Publius Abdilla għamel talba lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħraf lill-Kunsill kemm jitħallas dan il-kuntrattur kull darba li jitbattal l-iskip.

3.13 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi sema li saret it-tender tal-istreet lighting [ref punt 6.6]. Is-Sindku kkonferma l-aħbar izda żied illi ma ttieħed l-ebda deċiżjoni. Qal illi hemm diskrepanzi kbar bejn il-kuntratt ta' 2005 u t'issa fejn l-affarijiet illi nużaw aħna saru għoljin wisq. Ressaq suġġeriment illi nestendu l-kuntratt l-antik għal sena u nużaw iz-zmien biex naħdmu fuq tender għalina. Qal ukoll illi għandna naraw kemm inħalsu għall-calls matul is-sena u jekk naraw illi se tkun irħas għall-Kunsill, nixtru tower ladder u l-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu l-manutenzjoni. Żied illi hemm min għandu l-liċenżji biex jagħmel dan ix-xogħol wara li l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi wieħed għandu bzonn liċenżja u insurance.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda li m'hemm l-ebda fondi għar-restawrazzjoni ta' Ġnien Sir Alexander Ball fil-preżent, wara talba mingħand il-kunsillier Publius Abdilla. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġerixxa li nikkominikaw mal-Perit biex naraw minn fejn għandna naċċessaw fondi. Żied ukoll illi hemm bzonn illi niżbru s-siġar. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol se ssir meta nikru t-tower ladder għal xogħolijiet oħrajn.

3.15 Is-Sindku qal illi minħabba x-xita/nida kien impossibli biex jitneħħa r-reserved parking [ref punt 6.8].

3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma kienx hemm domanda qawwija għax-show ta' Saul [ref punt 6.13]. Għalhekk it-trasport ma ġiex provdut.

3.17 Il-Viċi Sindku qal baqa biss voice-over tal-awdjo-visual u li dalwaqt ikun lest ix-xogħol [ref punt 6.14]. Il-kunsillier Publius Abdilla talab l-ammont dovut lill-kuntrattur għal dan ix-xogħol.

3.18 Is-Sindku qal illi kaxxa ma tistax ssir peress illi qegħda ma kantuniera [ref punt 6.17]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi un/loading tapplika biss għall-ħin li qieħed idum biex iħott biss. Issuġerixxa li l-persuna jagħmel talba lill-Transport Malta, izda s-Sindku qal illi xorta se jsib l-istess problemi.

**4. Payment Approval Sheet**

4.1 **Payment Approval Sheet Approved:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jipprovdi l-karti għall-firem fil-laqgħa li jmiss.

4.2 **Nexos:** Il-kunsillier Publius Abdilla nnota li hemm kont ieħor dovut lill-Nexos Str. Lighting. Is-Sindku qal illi dawn għamlu x-xogħol u għandhom jitħallsu.

4.3 **Malcolm Attard:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar id-€59 għas-soft stone. Is-Sindku qal illi dan kien għall-kamra tal-ATM.

4.4 **Scarifying:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-ammont ta' €1700 kien għoli ħafna. Is-Sindku qal illi kien hemm 4 piedi u fakkar illi l-Kunsill kien qabel illi jsir ix-xogħol f'laqgħa preċedenti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hu kien astjena.

**5. Korrespondenza**

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar l-emajl/ittra ta':

5.1 **Duncan Xuereb**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan huwa rappreżentant tal-Plant Health Authority u talab update rigward "Spraying of palm trees" fir-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-kuntrattur għandu jagħti dan l-informazzjoni.

5.2 **Mary Abdilla-DLG**: Bagħtet ilment li rċevew id-DLG minn resident li qal illi hemm kuntrattur li waqa l-ħajt tas-sejjiegħ tiegħu meta mar biex jagħmel xogħol fil-viċinanza. Is-Sindku qal illi l-Kunsill m'għandux x'jaqsam ma dan il-kaz.

Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa dwar l-emajl/ittra ta':

5.3 **DLG "Allokazzjoni":** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ammont se jkun ta' €226,814 għas-sena 2015 u qal illi dan huwa ftit izjed mis-snin preċedenti wara mistoqsija mill-kunsillier Pietru Pawl Busuttil.

5.4 **Celiac":** Residenti li għandhom intolleranza għall-'gluten' għandhom jibdew jiġbru vouchers mill-Kunsill biex jixtru prodotti tac-Celiac. Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx mas-servizz peress illi hemm min ma jixtieqx juri li jissofri b'kundizzjoni bħal dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ftehim bejn il-PAYC [Pharmacy of Your Choice] u d-DLG saret b'għaġla u l-Kunsill ma kienu jafu xejn sal-aħħar. Qal illi fil-fatt id-DLG bagħtu emajl biex jiskuzaw ruħhom għan-nuqqas ta' komunikazzjoni li kien hemm mal-Kunsilli.

Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar l-emajl/ittra ta':

5.5 **DLG "Resurfacing":** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-DLG għamlu talba lill-Kunsilli biex jaraw jekk għamlu resurfacing bil-fondi tal-Kunsill f'2014. Fil-kaz tal-Kunsill ta' Ħal Safi ma sar l-ebda xogħol bil-fondi al-allokazzjoni f'2014.

Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa dwar l-emajl/ittra ta':

5.6 **ELC:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm mistoqsija biex jaraw jekk il-Kunsill għandu kuntratt mal-ELC. Il-Kunsill m'għandu l-ebda kuntratt magħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal:

5.7 **MITA/DLG:** Id-DLG ħadu €422 mill-allokazzjoni għax dan l-ammont kien 'dovut' lill-MITA meta fil-fatt il-Kunsill kien ħallas il-kontijiet kollha lil MITA u għalhekk dan il-flus se jittieħdu lura.

**6. Ħwejjeġ Oħra**

6.1 Ma kien hemm l-ebda punt għall-Ħwejjeġ Oħra

7. **Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7pm.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fl-24 ta’ Frar 2015.

Sindku
Francis Callus

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard